## 2 ta' Novembru, 1957

## Imħallef:—

## Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Alfred Zammit Cutajar

## Bejgħ ta' Oġġetti Razzjonati — Bwona Fede

***Oġġett razzjonat jibqa' razzjonat anki jekk ikun danneġġjat; u għalhekk minn ibiegħ kontra l-liġi oġġetti razzjonati, ma jistgħax jeħles mill-imputazzjoni li biegħ oġġetti tar-razzjon bla permess billi jallega li l-merċi minnu mibjugħa kienet danneġġjata u għalhekk ma għandhiex titqies li kienet għadha razzjonata.***

*Lanqas tiswa lill-imputat l-allegazzjoni li hu kien in bwona fede għaliex drajjem għamel hekk qabel; għaliex l-illegalità ta' qabel ma tilleġittimax dik ta' wara, anzi tirrendi aktar impellenti r-respressjoni tagħha.*

Il-Qorti; — Rat l-imputazzjoni kontra l-imsemmi Alfred Zammit Cutajar quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli l-Belt Valletta, jew imkejjen oħra, f'dawn ix-xhur, iddispona minn oġġett razzjonat, jiġifieri ħalib tal-bott, illegalment;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-5 ta' Settembru 1957, li biha sabitu ħati u kkundannatu għal multa ta' £10;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella mis-sentenza fuq imsemmija, u talab li tiġi revokata u li hu jiġi liberat;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mill-provi deher li l-appellant hu importatur liċenzjat tal-ħalib tal-bott "Libby". Bħala tali, hu l-ewwel jinforma l-Gvern dwar il-kwantità kollha minnu mportata. Mbagħad, perijodikament mat-tqassim tar-razzjon, jibgħat "return", fuq formula lilu provvduta mill-Gvern, li fiha jindika l-kwantitativ maħruġ, u taħt il-kolonna ntestata "Other Deductions" jindika wkoll il-kwantitativ li ma ġiex maħruġ għad-distribuzzjoni għax "damaged". Deher ukoll mill-provi li l-appellant iddispona minn dawn il-bottijiet danneġġjati billi biegħ minnhom lid-dolċier Borg Bonaci sabiex dan juża l-ħalib għall-ġelati. Borg Bonaci ma kellu ebda permess biex jagħmel dan l-akkwist, u suppost li juża "milk powder" għall-ġelati. Dawn il-bottijiet ikunu danneġġjati esternament; wkoll ikunu mgħawġin jew "dented". Tagħhom l-appellant jirċievi ndennizz mis-sigurtà, wara li jiġu eżaminati minn "Lloyd's Surveyor". Ma hux kontrastat li l-appellant ma ħax permess biex jagħmel dan il-bejgħ;

It-teżi tad-difiża hi, in sostanza, din:— l-appellant kellu d-dritt ibiegħ dan il-ħalib bla ebda permess, għaliex, ladarba kien danneġġjat, għalhekk ma baqgħax "rationed commodity". Minbarra hekk, l-appellant kien "in buona fede", għaliex dejjem għamel hekk qabel;

Dawn iż-żewġ raġunijiet huma bla bażi. Kwantu għall-ewwel raġuni, hu ovvju li oġġett razzjonat ma jbiddelx in-natura tiegħu għax danneġġjat. Ma hemm xejn fil-liġi li jista' anki lontanament jawtorizza interpretazzjoni simili. Kwantu għat-tieni waħda, l-illegalità ta' qabel ma tilleġittimax dik ta' issa, anzi tirrendi aktar impellenti r-repressjoni tagħha. Del resto, kull ħadd jaf, u neguzjant imissu jaf aktar minn ħadd ieħor, li l-bejgħ tal-oġġett razzjonat, anki jekk danneġġjat, jeħtieġ li jkun awtorizzat mill-awtorità kompetenti. Lanqas ma għandu jintnesa kemm hija potenzjalment perikoluża għas-saħħa publika l-illegalità formanti l-oġġett ta' din l-imputazzjoni; għaliex, peress li s-"survey" tal-uffiċjal tal-Lloyd hi konnessa biss mar-rapporti privati ta' sigurtà, tibqa' dejjem, fl-interess tal-publiku, neċessarja l-ispezzjoni mill-Awtorità Sanitarja, sabiex jista' jiġi aċċertat li ma jkunx hemm ħsara għas-saħħa publika, u sabiex ma jiġux konfezzjonati ġelati b'ħalib li jista' jkun ħażin; u din l-ispezzjoni ma ssirx meta ma jintalabx il-permess għall-bejgħ, u għalhekk l-Awtorità ma tkunx taf biħ;

Għal dawn il-motivi;

Tirrespinġi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.